

Motivi u argumenti prinċipali

Fir-rikors tagħha, ir-rikorrenti titlob l-annulament tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2016 (¹).

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-att ikkontestat jikser l-Artikoli 3, 12 u 16 tar-Regolament Qafas (²) u li l-Kummissjoni aġixxiet *ultra vires* meta introduċiet rekwiżiti inkonsistenti inkonnessjoni mad-dokumentazzjoni teknika li l-fornituri għandhom ittellgħu fid-data base u mal-proċedura ta' verifika li l-awtoritat jajiet ta' sorveljanza tas-suq huma intitolati li jwettqu.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-att ikkontestat jikser il-prinċipju ta' ċertezza legali u ta' ugwaljanza fit-trattament billi jonqos milli jistabbilixxi qafas regolatorju ċar u inekwivoku, fatt li jpgøġi lill-fornituri fl-imposibbiltà li jiddeterminaw id-doveri tagħhom, inkonnessjoni mad-data li għandha tiġi pprovduta fid-dokumentazzjoni teknika; u mal-proċedura applikabbi ta' verifika biex tiġi evalwata l-akkuratezza tad-data.

(¹) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2016 tal-11 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar tal-enerġija ta' apparat refriġeranti u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1060/2010 (ĠU 2019 L 315, p. 102).

(²) Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġja u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU 2017 L 198, p. 1).

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Frar 2020 – Applia vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-142/20)

(2020/C 161/65)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Applia – Home Appliance Europe (Woluwe-Saint-Lambert, il-Belġju) (rappreżentanti: Y. Desmedt, L. Salernitano u K. Olsthoorn, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-partijiet li ġejjin tal-att ikkontestat: (i) l-Artikolu 1(b) tal-Anness VI fil-parti fejn jipprevedi li “dawn il-valuri jittqiesu bħala l-valuri ddikjarati għall-finu tal-proċedura ta' verifika fl-Anness IX”; (ii) il-punt 2(a) tat-tielet paragrafu tal-Anness IX fil-parti fejn jipprevedi li “il-valuri ddikjarati” jikkorrispondu mal-“valuri mogħtija fid-dokumentazzjoni teknika”; u (iii) il-punt (2)(b) tat-tielet paragrafu tal-Anness IX;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Fir-rikors tagħha, ir-rikorrenti tikseb l-annulament tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2017 (¹).

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-att ikkontestat jikser l-Artikoli 3, 12 u 16 tar-Regolament Nru 2017/1369 (²) u li l-Kummissjoni aġixxiet *ultra vires* meta dāħħlet rekwiżiti inkonsistenti fir-rigward tad-dokumentazzjoni teknika li l-fornituri jridu jtellgħu fil-bażi tad-data u l-proċedura ta' verifika li l-awtoritat jajiet ta' sorveljanza tas-suq jistgħu jwettqu.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-att ikkontestat jikser l-prinċipju ta' ċertezza legali u ta' ugwaljanza fit-trattament għaliex jonqos milli jistabbilixxi qafas regolatorju ċar u mhux ekwivoku, li jpoġġi lill-fornituri fl-impossibbiltà li jiddeterminaw l-obbligi tagħhom, fir-rigward tad-data li għandha tiġi pprovdu fid-dokumentazzjoni teknika; u l-proċedura ta' verifika applikabbi sabiex tīgħi evalwata l-eżattezza tad-data.

- (¹) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2019 tal-11 ta' Marzu 2019 li jiissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar tal-enerġija tal-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1059/2010 (ĠU 2019, L 315, p. 134).
- (²) Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU 2017, L 198, p. 1).

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Marzu 2020 – Guangxi Xin Fu Yuan vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-144/20)

(2020/C 161/66)

Lingwa tal-kawża: l-Inglijż

Partijiet

Rikorrenti: Guangxi Xin Fu Yuan Co. Ltd (Bobai, iċ-Ċina) (rappreżentanti: J. Cornelis u T. Zuber, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2131 tat-28 ta' Novembru 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/1198 li jimponi dazju antidumping definitiv fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li jorġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikkors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 13(3) flimkien mal-Artikoli 5(10) u 5(11) tar-Regolament (EU) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-“Regolament Bażiku”), kif ukoll l-Artikoli 6.1, 6.2 u 12.1 tal-Ftehim dwar l-Anti-Dumping tal-WTO, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi peress li ma inkludietx lir-rikorrenti fil-lista eżawrjenti tal-esportaturi kkonċernati fir-regolament li jibda’ l-investigazzjoni kontra l-evażjoni u peress li sussegwentement estendiet il-portata tal-investigazzjoni sabiex tkopri wkoll ir-rikorrenti.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma kellhiex bażi legali sabiex tinkludi lir-rikorrenti fir-regolament ikkontestat, peress li l-Artikolu 13(3) tar-Regolament Bażiku ma jirregolax l-impożizzjoni ta' miżuri kontra l-evażjoni abbażi ta' sempliċi riskju ta' evażjoni u barra minn hekk, jezżeji r-reġistrazzjoni minn qabel tal-importazzjonijiet ikkonċernati kollha. Minbarra dan, ir-raġunament tal-Kummissjoni huwa loġikament żbaljat, mhux sostanzjat u ma jikkunsidrax provi essenziali b'tali mod li għalhekk jikkostitwixxi żball manifest ta' evalwazzjoni.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti u kisret il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni billi bbażat id-deċiżjoni finali tagħha fuq żewġ fatti ġoddha li r-rikorrenti ma kellha l-ebda opportunità li tikkummenta dwarhom matul l-investigazzjoni tar-reviżjoni.